# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, IL 11 TA NOVEMBRU, 1913. NRU. 90.

*Inbiercu b'kalbna collha il HABIB' gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Cliem tad-deheb.

VII.

## Jistħokkilna il għacs?

Il għacs, bħalma rajna fiċ-ċar, hu ŭieħed mill'eħrex flagelli, li bihom Alla hu soltu jiccastiga, minħabba il ħażen, lil popoli u lil nazzjonijet. Mela, dan tagħna hu castig?, forsi xi uħud jistaksu. Li ma hux premju, nafuħ bis-sgur; għax Alla lit-tajjbin, bi ħlas tal ubbidienza u il fidiltà taħħom lejn il Cmandamenti tal Ligi tiegħu, mhux għacs u ġuħ iŭegħdhom u jibgħatilhom, għax il għacs u il ġuħ huma castighi, bħalma ġà rajna, merfugħin għall ħżiena, imma riżk u barca; riżk u barca f'li bliet, fil campanji taħħom, fil familja, f'uliedhom, fi djarhom bix-xogħol u il ħedma ta idejhom, fis-sigar, fil frottijet, fil bhejjem, f'collox! Bħalma nsibu fis-Sagra Scrittura, specjalment fil Ctieb tad-Deutoronomju. (Cap. 28.)

Mela, da'l għacs tagħna hu castig?... Halli naraŭ.

Li Spirtu is-Santu (Sap. Cap. 11.V. 17.) igħid daŭn il chelmiet: «B'daŭc li stess ħŭejjeġ, li bihom ŭieħed icun isserva, biex għamel id-dnub, bihom hu jigi iccastigat.»

U biex naraŭ chemm hu hecc, immorru nżuru, fuk-fuk, xi postijet (mhux collha, għax inchella ma nilħkux) fejn jaħdem il cummerċ, u fejn isir ix-xogħol, ġà la darba cull min tistaksiħ għax haŭn il għacs, iŭiegeb cullħadd, li għax ma haŭnx cummerċ, għax ma haŭnx xogħol, għax ma haŭnx klieħ.

Nagħmlu l'eŭŭel żjara fil ħŭienet, fejn, f'min xorta, f'min oħra, isir il cummerċ. F'bosta minnhom għandna nsibu jaħdem il kerk u is-serk fil chejl, fl'użin u fil qŭalità tal oggetti li hemm jinbiegħu. Cullħadd min jista x'jista. Hemm nies, li għandhom li stoncu illi, chiecu jistgħu, bla ma jinkabdu, ibiegħu li stess velenu bi ħŭejjeġ tal ichel u tax-xorb, li ŭieħed, għall saħtu u għall ħajtu, imur għandhom jixtri bil flus tal għarak tad-demm. F'xi uħud mil ħŭienet, actar bil bosta milli jinxtraŭ oggetti tal ichel jeŭ ta xort'oħra, jinbieħ ittaksis fuk il proxxmu. F'daŭn il postijet, jingabru, għal taparsi, għaxxiri, rgiel u actarx nisa, u hemm idumu is-siegħat jidħadtu, isejħu ir-riżk u il barca t'Alla fuk dac il post, bilii jakilgħu klajja tal ŭaħx fuk tant imsejcnin, igħidu dac li hu u li ma hux fuk l'oħrajn, jatu malafami, jinsġu tnassis, jisfogaŭ il għira u il mibegħda contra cull min icunu ibejtu f'kalbhom; biex, imbagħad, malli joħorġu minn hemm jibdgħu idokku it-trumbetta, jiffrustaŭ, u ixandru ma cullimchien, u iżejjnu chif jidhrilhom, u iżidu chemm jogħġobhom daŭc l'aħbarijet, li hemm geŭ contra il proxxmu icunu intgħadu.

Fil biċċa il cbira tal ħŭienet taxxorb, huma soltu jatu isem, cullħad dac l'isem li jidhirlu li biħ actar iħajjar u jiġbed in-nies; u dac l'isem li icun ikiegħduħ pinġut f'tabella fuk il bieb tal ħanut. Xi uħud minn daŭn il ħŭienet imisshom jictbu fit-tabella ta fuk il bieb dan ittitlu, li hu ŭisk adattat għalihom: IT-TRABOCC TAD-DEMONJU.

In-nassaba, biex jirnexxilhom ikarrku bl'għasafar u jicsbuhom taħt idejhom, fil mansab krib it-tradiment tax-xbiec ikiegħdu għasfur, li bil figura u bil għana tiegħu iservi biex iħajjar, isejjaħ u jiġbed lejħ l'għasafar l'oħra, li ġmielhom icunu fil libertà, jittajru fl'arja, u imorru fejn iridu. Iżda daŭn imħajjrin mid-dehra u mil leħen tal għasfur traditur, jersku lejħ; u dlonc, imkarrka, isibu ruħhom imfixcla u issiccati geŭŭa ix-xbiec, minn fejn igħaddu għal geŭŭa il calzri tal gaġġa, jeŭ, u actar, jintefgħu għax-xiŭi fuk in-nar. Hecc u xejn ankas jiġri fil ħŭienet, li semmejna. F'dan il mansab infernali, ma genb dana it-trabocc tad-demonju, tinsab mara, jeŭ, iżjed, magħżula minn daŭc il carfa ta nisa, li, għal ftit tal flus, ibiegħu gieħhom u ruħhom. Din hi micrija minn Sid il ħanut għal tal apposta, biex b'li sfaċċatagni ta ŭiċċha, tal lbiesha, tal kagħda u it-tratti taħħa, bid-daħc u biċ-ċajt tal kżież, tħajjar u tiġbidlu in-nies lejn ħanutu. O bniedem għadu t'Alla u tal erŭieħ, o Ministru tad-demonju u tal Infern, b'hecc inti trid issejjaħ fuk ħanutec ir-riżk u il barca t'Alla? Int taf biżżejjed, f'hiex icun jinsab il bniedem, li minnu in-nifsu miġbud għall ħazen, icun mitluf mil ŭaŭar, li fiħ jixgħel ix-xorb; u icolloc ir-ruħ ixxattbu għal taħt it-tradiment tal mansab tiegħec?! Bid-dnub u il ħazen trid takla il flus?! Imma, nistaksuhom lil daŭn in-nies, nistaksuhom chemm flus kalgħu, chemm flus faddlu, chemm flus kiegħdin igaŭdu minn din ix-xorta ta cummurċ, mil cummerċ tas-seħta!

(*Jissocta*) S.A.S.

## Is-Sur Levanzin,

bagħtilna *ittra* u *articlu* stampat fil *The Chelsea Gazette* tal ħdax ta ottubru li għadda. L'*articlu* ngibuħ collu, għax juri biżżejjed chif hu miżmum hemm il ħabib tagħna, li kiegħed jagħmel onur lill'isem ta Malta u jieħu il ħlas li ħakku it-talent tiegħu; u mil-l'*ittra* ngibu biċċa biss, għax il bkija taħħa hu *privat... għal issa*! F'dic l'art cbira, il għira ma tagħmilx bin-nies; u min ħakku jimxi il kuddiem u jitla il-fuk, bħalma ħakku is-Sur Levanzin, ma isibx min ifixclu biċ-ċajt jeŭ bil kerk!

I

### L'ITTRA.

(*Traduzjoni mit-Taljan*).

«Boston,

«fil 20 ta ottubru, 1913.

«Għażiż Ġużè,

«Cont nistenna li tibgħatli mkâr *Cartolina*. Jakaŭ tinsab mgħobbi ŭisk bix-xogħol? Dan l'articlu ċchejchen li għandec haŭn geŭŭa, ŭara li tinkeda biħ chif jogħġboc, nitolboc tatiħ lill għażiża Lucija tiegħi (*is-Sinjura Levanzin*), għax ma għandix cċpja oħra biex nibgħatielha. L'affarijet tiegħi sejjrin tajjeb ŭisk. Għandi bosta Tobba li jiġu għall *Lezzjonijet* li kiegħed nati fuk it-

tagħlim tad-dieta *(Dietoterapia)*. Actarx li, f'kasir żmien, tigi müakkfa *Catedra* f'li Scôla tat-Tobba tal Università Harvard (l'actar üaħda msemmija fid-dinja), u din tcun l'eüüel *Catedra* fuk dan it-tagħlim, li maż-żmien għad icun il pedament tal Medicina. Id-Dottur Bradford, Rettur ta din il famusa Università, üegħdni li ma idumx ma igagħalni nati *Côrs ta Lezzjonijet* lill li *Studenti tal Medicina* ta din l'Università. Din tcun kabża cbira il-kuddiem biex nasal *fejn għandi f'rasi (la mia meta)*.

«Ix-Xirca tal *Anti-Vivesection*, li fiha fuk elf ruħ fost l'aküa nies ta Boston, talbitni immur nidher għaliha, f'dicembru li gej, fil *Cungress ta Washington*, il belt Capitali tal America, biex hemm nitchellem fl'isem taħħa. Accettajt, għax ix-*Xirca* sejjra tħallasli in-nefka collha: u hecc jen inżur New-York, Philadelpha, Baltimore u il bliet l'oħra li huma il cbar nett u l'iżjed impurtanti, għax collha irrid ngħaddi minnhom fil vjaġġ.

« F'dan il *Cungress Internazzjonali*, għandi nitchellem bl'Ingliż, bit-Taljan, bil Franciż u bl'Esperantu. Issa bil Franciż tħarriġt tajjeb: u kiegħed nitgħallem li Spanjol u it-Tedesc, bil *Grammofonu*—ħafif ħafna.

«Dan il *Cungress* jatini xejra oħra ġmielha, għax biħ nissemma mal America collha.

«Għall mejju li gej, mbagħd, ninsab diġà mistieden biex immur nitchellem fil *Cungress ta Californja*, b'li spejjes collha ucoll imħallsin: vjaġġ ta seba' t'elef mil. U nara il Chicago, St. Louis, Denver, Los Angelos, San Frangisco u il bliet l'oħra il cbar tal America, mingħajr ma nonfok ħabba minn buti—xejra sabiħa ucoll.

«Issa sejjer niftaħ kalbi miegħec u nafdalec segriet li għadu ma jaf ħadd biħ: ħadd, inkas........................................

.....................................................

.....................................................

.....................................................

..............il-kuddiem, nibgħatlec il *libretti stampati*, biex tifhem aħjar........

.....................................................

«Naf li inti üieħed mill'aħjar ħbieb tiegħi u naf li tifraħ mita tisma li jen irnexxejt (*godi del mio successo*). Ix-xogħol li għandi f'idejja kiegħed cull jum jieħu iżjed impurtanza—aħjar għalija.

«Jecc titchellem fuki fil *Habib*, ibgħatli côpja barranija (u kis li ma issemmix issegriet li fdajtlec).

«Fil *Habib*, għandec tifraħ lis-Sur Albertu Carabott, Malti, li fetaħ *Lucanda* sabiħa üisk, bl'isem ta *Malta Restaurant*, b'ichel la Maltija, fil Pjazza *North Square*, l'actar üaħda imsemmija fil ġrajja ta Boston: ilbieraħ chilna hemm ir-ravjul u xrobna bis-saħħa ta Malta.

«Selli għall ħbieb tiegħi collha: u fosthom tinsiex il għażiż Fredu (*l'Avucat Alfredu Caruana-Gatto*), il Magistrat Fiteni, il Curunell Manchè u il Professur Tagliaferru.

«Collni tiegħec mil kieħ ta kalbi,

«Üistin.»

II.

## L'ARTICLU.

*(Traduzjoni mill'Ingliż).*

«DIETA GĦAS-SAĦĦA U FIL MARD.

«LETTURI TAR PROFESSUR LEVANZIN

«SPECJALISTA TAD-DIETA.

«Il Professur A. Levanzin, A.B.,PH.C.,LL.B., l'imsemmi u magħruf Specjalista fit-tagħlim tad-Dieta, sejjer jagħmel *Côrs ta Letturi* fis-*Sala tal Esperantu*, haün Boston, fil *Bini Pierce*, numru 209, ta *Pjazza Copley*. Jitħaddet fuk chif jiġu u chif jitfejjku bosta mardiet u jagħlak it-tagħlim tiegħu b'Taħdita (*Lecture*) fuk *Chif tgħix mit sena u bi ftit flus cull jum*. L'eüüel Taħdita jagħmilha fis-16 ta ottubru; u l'oħrajn fit-23 u fit-30 ta li stess xahar; fis-6, fit-13 u fil 20 ta novembru; u fl'4 u fil 11 ta dicembru, dejjem fl'4 ta fuk nofs in-nhar.

«Il *Professur Levanzin* jagħmel ucoll Taħditiet oħra fuk li stess tagħlim fis-*Sala tal Letturi* ta Sanctuary, li hi fit-triek *West Newton*, numru 43, fit-13, fil 20 u fis-27 ta ottubru; fit-3, fil 10, fis-17 u fl'24 ta novembru; u fl'eüüel u fit-8 ta dicembru, dejjem fit-8 bil lejl. Il biljett biex tisma għaxar *Letturi*, ikum tliet dollari (tnax il xelin u nofs); u biex tisma *Lettura* üaħda, nofs dollaru (żeüġ xelini u sold). Daüc collha li iħobbu jitgħallmu chif jieclu u chif jibżgħu għal saħħithom, inħajjruhom bil kalb biex ma jonksux.

«IL PROFESSUR LEVANZIN HU MIŻMUM B'ÜIEĦED MIL BNIEDMIN L'ACTAR JINKALGĦU TA ŻMIENU *(one of the most brilliant men of his time)*. Hu magħruf tajjeb fid-dinja tal għerf, għax tà fuku in-nifsu *l'acbar xhieda taż-żmienijet tagħna* b'saüma ta 32 jum sħaħ f'li *Stitut Carnegie* ta Roxbury, fejn ma triejjakx ħlief b'ilma msoffi u chien inducrat mil Professur Benedict u minn Professuri oħra cbar ta Harvard u ta Yale.

«Il Professur Levanzin chellu bosta *certificati tal impurtanza* minn persuni li reġgħu hâdu saħħithom bit-tüissijet tiegħu fuk id-*dieta* u fuk il *cura*, chif issa sejjer ifissirhom.

«Min irid jistaksiħ xi ħaġ'oħra, għandu jictiblu fil *Bini Pierce*, numru 209 ta *Pjazza Copley*, haün Boston.»

## Itgħallmu bl'Ingliż

*(Chelmtejn lin-nies tax-xogħol.)*

Ftit żmien ilu krajt fil ġurnal imsejjaħ il «Cronicle» żeüġ littri fuk chemm jinħtieġ illi il Maltin jitgħallmu bl'Inglż, tant għal daüc li jibkgħu f' Malta għax üisk nies tax-xogħol jaħdmu mal Ingliżi, chemm ucoll għal daüc li iridn isiefru u imorru f'artijet fejn in-nies jitħadtu bl'Ingliż. Dan faccarni f'dac li cont għidt, fix-xahar ta Ġunju tas sena li għaddiet, fil « Habib » u li issa sejjer intenni:—

«Mita it-tfal jagħalku is-sit snin għandhom «jibdeü jitgħall-nu jakraü u jictbu bil *Mal-«ti*, biex jecc ma jibkgħux imorru li scola «(bħalma actarx jigri fil campanja u fost «il fokra tal bliet ucoll, għax jibdeü iridu «igħinu l' ommhom u il missierhom) meta «jaslu mal għaxar snin icunu għall' inkas «jafu jakraü cotba li bihom jitgħallmu il «ħüejjeġ li jinħtieġu tant għar-ruħ chemm «għall ġisem, u icunu ucoll capaci jictbu «l'ittri li bihom jistgħu igħarrfu dac li jaħ-«tieġu lill'oħrajn maltin bħalhom, tant f'Malta «chemm band'oħra. Haün nistħajjel min «igħidilna li dan telf ta żmien, għax il Malti «ma iservi għal xejn, aħjar igħallmuhom «bl' Ingliż jeü bit-Taljan. Aħna inüiegħu, «bil cunxienza collha, illi dan it-tagħlim, «li iridu daün it-talin, icun veru telf «taż-żmien għax fil ftit taż-zmien illi it-«tfal jibkgħu f'li Schejjel ma jistgħu katt «jitgħallmu jakraü ctieb u jifmuħ, jeü jictbu «ittra tiftihem bl'ebda lingüa oħra ħlief bil «malti. Imma b'daks-hecc, aħna ma irridux «ngħidu illi l'ingliż u it-talian ma għand-«homx jitgħallmuħ f'li schejjel tal Gvern «jeü fil Privati. Anzi irridu illi jitgħallmu «il üaħda u l'oħra, mhux fuk il cotba, im-«ma *bil fomm biss*, biex jistgħu jifhmu l'in-«gliż u it-taljan ucoll mingħajr ma jafu jak-«raüħom ».

Jena jidhirli li cullħadd f'Malta għandu bżonn jaf xi ħaġa bl'Ingliz, mhux jakraħ u jictbu, imma basta jista jiftiehem, u l'actar li għandhom bżonn huma daüc li iridu isiefru għall Canada, għall'America u għall'Aüstralja. Dan ma ngħidux jen minn żniedi, għax cullħadd jaf chemm mijet ta ittri il maltin irceveü minn għand sħabhom imsiefrin li fihom ilmentaü li ma irnexxeüx bħalma chienu jixtieku, għax ma jafux jitchellmu bl'Ingliż. U chemm ħanbku fuk dakshecc il ġurnali collha ta Malta, u chemm għidt jena ucoll fil ctieb li għamilt fuk l'*Emigrazjoni*, li jinbieħ *sold u nofs biss* għand MUSCAT ta Strada Mercanti, il belt!

Dan biċ-ċar għandu jaraħ cull-ħadd: chif jista icun li issib ix-xogħol, u tista taħdem, fis-snajja collha, mita li mgħallmin jitħadtu bl'ingliż biss u inti ma tifimhomx!

Haün nistħajjiel min igħidli: Aħna issa cbirna, ma bakgħelniex żmien nitgħallmu. Aħna irridu inħabircu biex nakalgħu x'nieclu u ngħinu il familja. Jena nüieġeb: jecc tridu tistgħu titgħallmu chemm tiftiehmu. Fir-rħula collha hemm l'ischejjel tal Gvern bil-lejl, fejn tistgħu tmorru bla ħlas u fejn li mgħallem jista jecc irid ikabbadcom,bil ftit il ftit, titchellmu bl'ingliż, mingħajr ma tafu tictbu jeü takraü; għax dan, għandcom ragjun, ma igħoddx għalicom meta il moħħ jixraf u il pacenzja tonkos. Il kari u il chitba igħoddu għat-tfal u mhux għal cbar. Intom tinħtieġu biss li tiftiehmu, mkar ħażin ħażin, bil lsien ingliż jecc tridu tmorru l'Americhi.

Issa li is-sagħra tüila, f'lôc ma tmorru f'xi ħanut jeü il Casin tar-raħal, morru l'iscola tal Gvern u itolbu li mgħallem li igħallimcom erba' chelmiet bl'ingliż biex tistgħu tifhmu xi għidulcom meta f' Marzu li gej, jecc Alla irid, issiefru biex takalgħu x'tieclu.

B'daün l'erba' chelmiet ridt infaccarcom illi l'ingliż jinħtieġ għall Maltin u l' actar għal daüc li bi ħsiebhom isiefru; illi tistgħu titgħallmu titchellmu biż-żejjed bl'Ingliż jecc tmorru fil għaxija fl'ischejel tal Gvern, u nispiċċa biex narġa ngħid dac li għidt fil "Habib" ta Ġunju tas-sena l'oħra:—

«Biex timxi fid-dinja, tant jecc tibka «f'pajjiżec u tant jecc tmur barra minn «Malta, jaħtieġ illi tcun taf titħaddet b'il-«sna oħra barra mil malti; min jiftiehem «b'ilsna barranija isib üisk iżjed xogħol, «icun iżjed stmat għax jista jitlob ir-ragju-«nijet tiegħu, u katt ma jigi imbixchel mil «frustieri li jintaka maħħom. Actar ma üie-«ħed jaf jitchellem b'ilsna (għalavolja ma «jafx jakrahom u jictibhom) hu aħjar għa-«liħ. Chiecu cull üieħed u üaħda li jinsabu «f'Malta chienu jafu jitchellmu bl'Ingliż u «bit-Talian, u jafu jakraü u jictbu bil Malti «biss, chiecu Malta chienet tcun bil üisk «aħjar milli hi illum.»

Mela, isimgħu minni, u għall gid tagħcom u mhux tiegħi, Itgħallmu titchellmu bl'Ingliż.

L. Manchè.

## MIL KABAR....

*Nhar il Għid ta li Müiet tal 1913.*

SUNETT.

Binti, għax gejt sa haün bil üard mgħobbija?
Għal-fejn il üiċċ ta ħofra collha ntiena
tokgħod iżżejjen? Le: mhux din il ħniena
irrid li geüüa kalbec tħoss għalija....

Jecc int tħobbni tas-seü, jecc m'hux turija
dan it-tlellix, tirgħibx għal üirtiet ħżiena:
binti, tħassarx it-tajjeb li xtakt jena,
biex ma tigix min-nar tal Ħakk mifnija...

Idħol daħla ġô fiċ: katt riżk ma ħalla
il gid tal għaüġ: aksam ma ħutec seüüa,
jecc trid il barca; u la tibżax ħlief mn'Alla!

Iftacar li haün miegħi għad tingħabar:
u mhux bil üard, imma tas-serħ bil ħleüüa
ruħna tcun trid imżejjen dan il kabar...

G. Muscat-Azzopardi.

## Tifsir fuk il Ġubleû.

(*Jissocta*)

*Pen.* Sur Patri, ġaladarba Alla k'ed inissilli f'kalbi ix-xeŭka li nagħmel il Ġubleŭ, ma rridx nirresisti għal din is-sejħa, għalhecc nitolboc illi tgħidli x'jinħtieġ biex jintrebaħ il Ġubleŭ?

*Conf.* Iva, ibni, Alla Hu dac li k'ed jatic f'kalbec din ix-xeŭka, Hu kiegħed isejjaħlec, għalhecc katt ma għandec tirresisti għassejħat tiegħu. Biex jintrebaħ il Ġubleŭ jinħtieġu tliet ħŭejjeġ, li huma meħtieġa sabiex tintrebaħ qualunque indulgenza plenarja oħra, u daŭn huma l'*intenzjoni*, *il grazzja t'Alla*, u l'*opri stabbiliti mil Papa*. Tinħtieġ l'eŭŭelnett l'intenzjoni, jigifieri il volontà li tagħmel il Ġubleŭ; il għaliex il volontà tiddetermina l'azzjonijet collha tagħna; għalhecc min ma icollux il volontà jeŭ l'intenzjoni li jagħmel il Ġubleŭ, alavolja jagħmel il vîsti u l'opri l'oħra stabbiliti, ma jirbaħx dan il Ġubleŭ, chif ucoll ma jirbaħx il Ġubleŭ dac li jagħmlu b'intenzjoni oħra per esempju biex jissodisfa xi obligu ieħor li icollu. Tinħtieġ fit-tieni loc għar-rebħa tal Ġubleŭ, il grazzja t'Alla, il għaliex chif jista' icun li tintrebaħ l'indulgenza plenarja ossia il maħfra tal pŭieni tad-dnubiet, jecc ir-ruħ icollha il ħtija taħħom; l'eŭŭel tinħafer il ħtija tad-dnub u 'ssir il paci m'Alla, imbagħad jinħafru il pŭieni tad-dnub, u il grazzja t'Alla l'actar li tinħtieġ fl'aħħar opra lì tagħmel, il għaliex l'aħħar opra li tintrebaħ hija l'indulgenza tal Ġubleŭ; għalhecc l'aħjar illi fost l'opri li għandec tagħmel, tħalli għall'aħħar il krara u 't-tkarbina, biex tcun sgur li inti fil grazzja t'Alla.

Jinħtieġ fit-tielet loc li tagħmel l'opri stabbiliti għar-rebħa tal Ġubleŭ, il għaliex b'dil condizzojni illi il Papa jati l'indulgenza u 'l privileġġi l'oħra tal Ġubleŭ, jecc aħna nagħmlu l'opri collha li igħedilna; għalhecc jecc inti ma tagħmilx l'opri collha, alavolja mux għax trid, jecc ma tistax, jecc tinsa xi ħaġa, il Ġubleŭ ma igħoddlicx.

*Pen.* Fuk l'intenzjoni, Sur Patri, ma għandix x'ingħeidlec, l'ankas fuk il grazzja t'Alla, nistaksic biss fuk l'opri li jinħtieġu għar-rebħa tal Ġubleŭ. Liema huma daŭn l'opri li għandna nagħmlu?

*Conf.* L'opri li jinħtieġu għar-rebħa tal Ġubleŭ ma icunux dejjem li stess, il għaliex minn Ġubleŭ għal l'ieħor jiddifferixxu xi ftit. L'opri li jinħtieġu huma biss daŭc li jistabbilixxi il Papa. F'dal Ġubleŭ il Papa, sabiex jintrebaħ, stabbilixxa erba' ħŭejjeġ li huma: il vîsti tal Cnejjes, il carità, il krara u 't-tkarbina. Daŭn l'opri ma hemmx bżonn tagħmilhom bl'ordni chif għedtomloc iżda tista tagħmilhom chif trid u meta għandec żmien sal Cuncizzjoni, jigifieri sat-8 ta Dicembru li gejj. Għalecc tista tagħmel il vîsti l'eŭŭel inchella tħallihom għall'aħħar. Tista, jecc trid tibda bil vîsti, tcompli il krara u't-tkarbina u tispiċċa ucoll bil vîsti; imma aħjar chif għedtlec, li tħalli għall'aħħar it-tkarbina, biex tcun sgur li inti fil grazzja t'Alla. Daŭn l'opri li semmejtlec huma collha meħtieġa u bil fors trid tagħmilhom, biex tirbaħ il Ġubleŭ, iżda jecc, fil cas, ma tcunx tista tagħmel xi opra minnhom, il Confessur għandu is-setgħa jibdilhielec.

*Pen.* Sur Patri, fl'opri stabbiliti biex jintrebaħ il Ġubleŭ insibu il carità lil fkar. Nitolboc tgħidli chif għandha issir il carità, inħalli għal darba oħra il mistoksijet tiegħi fuk il vîsti tal Cnejjes?

*Conf.* Fost l'opri imsemmija għar-rebħ tal Ġubleŭ aħna insibu il carità versu il fkar, o nchella bil flus tal carità nagħmlu xi opra tajba. Il carità li ordna il Papa f'dal Ġubleŭ ma hiex lè il carità spiritŭali versu il proxxmu tagħna, bħalma huma it-tagħlim lil min ma jafx, it-tŭiddib lil midinbin u l'opri l'oħra tal ħniena li imissu ir-ruħ tal proxxmu, imma il carità li jobligana hija il carità li tirrigŭarda il bżonn materjali tal proxxmu, bħalma huma: titma lil min hu bil ġuħ, tiski lil min hu bil għatx u l'opri l'oħra tal ħniena li imissu il gisem; il għaliex chiecu il Papa riedna natu anche il carità spiritŭali li tirrigŭarda ir-ruħ tal proxxmu tagħna ma chienx igħidilna «*Atu il carità lil fkar*». Minn dan naraŭ illi il carità meħtieġa għar-rebħ tal Ġubleŭ ma hemmx bżonn li tcun magħmulha bil flus, imma tista' tati ħobs, ħŭejjeġ, għajnuna lil fkar. Il carità ma hemmx bżonn li tcun bosta l'ankas cullħadd xorta, imma scond ma ŭieħed jippossiedi; u tista, il carità tatiha ftit cull darba, biex tkassamha f'bosta drabi, il għaliex il Papa ma igħidx chif għandna nagħmlu il carità. Tista' il carità tagħmilha per mezz ta ħaddieħor, jigifieri titlob il xi ħadd li jati carità minn flococ, jecc inti ma tistax, il għaliex, għalchemm l'opri stabbiliti fil Ġubleŭ huma collha personali jigifieri trid tagħmilhom inti, imma il carità biss tista' tagħmilha per mezz ta ħaddieħor. Jista' il cap tad-dar jati il carità għat-tfal u għal cullħadd. Jista il padrun jati għas-servi, l'imgħallem għall lavranti. — Anche il fkar, il fkar ucoll jistgħu jatu carità il għaliex jistgħu jeŭ jatu xi ħaġa żgħira minn taħħom; jeŭ igħinu il proxxmu taħħom, jeŭ jitolbu il xi ħadd li jati għalihom. Jecc ankas dan ma jistgħu jagħmlu, jitolbu il Confessur li minn floc il carità jagħmlu xi opra oħra tajba.

DUN ANTON VELLA D.D.
(*Jissocta*) *Cappillan ta ħal Luka.*

## Ma dûarna.

—Niżżu-ħajr lir-Reverendu Dun Ġusepp Gaŭci, tan-Naxxar, minn cull ma chitbilna fuk il *Ħabib* u mil fehma tajjba li għandu fuk il Malti u fukna. Nifirħu tas-seŭ— u ma nistħux nistkarruħ—mita naraŭ li min hu bla xenghil u bla bżieżak f'rasu jixtiek jagħmlilna il kalb, biex jeŭŭilla ma nogħtrux f'li stoffi li ħadd ieħor irid isammar fit-triek tagħna. Dac, imbagħd, li ir-Reverendu Gaŭci chitbilna fuk il Malti jurina bid-dieher li hu ilu iħabbat moħħu miegħu u ilu jitgħaxxak bil ġmielijet tal lsien tagħna; u jiddispjacina ħafna li chitbilna *privatament*, għax chiecu l'ittra tiegħu, għad li mhux f'collox jakbel magħna, conna ngibuha bil kalb collha. Fl'aħħar mill'aħħar, min jaf, għalavolja f'daŭc il ħŭejjeġ żgħar, jifhimhiex hu aħjar minn'an! Jecc jatina is-sensja, dic l'ittra nuruha id-daŭl, għax ma jistax icun ħlief gid biha; u jecc, fl'aħħar nett, iħobb li studju tal Malti fis-satra ta camartu, ħaġa li ngħiru għaliha, nitolbuħ għall'inkas li, xi darba, mita icun jista,' jissieħeb hu ucoll ma daŭc il *ħafna l'oħra li kiegħdin jisŭeŭ lill Ħabib bil chitba taħħom.* Natuħ il chelma tagħna li, għandna chemm għandna min jakdina, lilu ma naraŭħx żejjed.

—Ir-Reverendu Patri Giacintu Federici, tad-Dumnicani, għoġbu jibgħatilna id-*Discorso sul Sacro cuore di Gesù*, li stampa haŭn Malta, daŭn il ġranet; u aħna niżżuħħajr minn din it-tieba tiegħu għalina Dac id-*Discors* krajnieħ f'nifs ŭieħed u tgħaxxakna biħ tas-seŭ, mhux biss għall lingŭa nadifa u mexxejja, mhux biss għall'argument imfassal u miġbud b'ħeġġa cbira, mhux biss għat-tifchira ta bosta Kaddisin, li taħħom u bi cliemhom stess juri il gibda għall *Kalb imkaddsa ta Gesù*, imma, fuk collox, għax il Predicatur, fil ŭakt li juri chemm hena igibu maħħom fil klub tal insara l'imħabba u il kima ta dic il *Kalb imkaddsa*, jitchellem hu ucoll b'kalbu fuk xoftejħ u jitchellem bi ħrara li tidħol fil klub ta min jisimgħu. Mal għerf u mal ħabta, hemm, f'chelma ŭaħda, li spirtu tal Evangelju. Aħna xejn inkas, mela, nifirħulu b'kalbna f'idejna; u nirriccmandaŭ lill Karrejja tagħna li jafu bit-Taljan (m'humiex ftit) biex ma jibkgħux ma jissieħbux fil ctieb li sejjer jarġa joħroġ, bl'isem sabiħ ta *Preludio celeste*. Ir-Reverendu Patri Federici, għad li frustier, kiegħed haŭn Malta fil Cunvent ta San Dumincu tal Belt.

—Haŭn ŭieħed li jixtiek jicseb li *Storja ta Malta* ta Abela (bit-Taljan): min icollu xi ŭaħda f'idejħ biex ibieħha, igħid lîlna; u aħna nibagħtuħ għand min iħallashielu tajjeb.

—Jiddispjacina li, din id-darba, *L.M.C.G.*, il chittieb ta *Ma dŭar id-dinja*, dejjem puntŭal u ħabriechi, iddaŭŭar tant, li chellna nħallu l'articlu tiegħu barra, għax diġà conna lħakna iccumpaginajna. L'articlu tiegħu hu ŭisk imfittex u nittamaŭ li il gimgħa id-dieħla ipattilna.

— Minħabba in-nukkas tal ŭisa, raġa chellna nħallu għal darb'oħra il poeżija tas-Sur Ninu Calleja u l'articlu tas-Sur Micallef-Goggi. Dac, imbagħd, tal *Ŭisk Reverendu Dottur Dun G.*, fil ŭakt li niżżuħ-ħajr bil kima collha għad-difisa li raġa għamlilna, ma ngibuħ xejn, għax, li chellna nħallu ixxitan igħabbina u natu ŭiden għall'inbix li hu imdorri jinżel minn hemm fuk, ma conniex sejjrin nibżgħu mil babaŭ. Chelma ŭaħda: dac li għedna ma għandniex scruplu tiegħu u ma narġgħux l'ura minnu. Min jixtiek jitgħajjar, imur iħabbat bieb ieħor. Il *Ħabib*, mita icun laħak dmiru, ma jinpurtaħx mill'insulenzi li jiġu ŭara: f'dan, anzi, jiccunsisti is-sagrificcju tiegħu. Xejn iżjed, mela, fuk din il biċċa. U la inŭieġbu aħna u inkas ingibu dac li jictbulna........

## Minn gimgħa għal oħra.

*31 ta Ottubru.* Ŭieħed, li chien miżmum Cordin mħabba id-dejn, gieb kuddiem l'Imħallef Parnis certificat tat-tobba li l'għaluk hemmec k'għed jagħmillu il ħsara f'saħtu u jatih f'rasu. L'Imħallef kata li għandu jagħmel ħmistax geŭŭa u ħmistax barra, jigifieri chisirlu iż-żmien li għandu jagħmel magħluk il ħabs bla ma kassarulu.

—Illum ŭeħlu tnejn il ħabs talli ħadu ġurament falż. Ŭieħed mbocca sena u l'ieħor sena u nofs prigjunija. Ma ntennux dac li ctibna id-darba l'oħra fuk il ġurament falż, imma biss nfaccru fis-saħta, li biha ihedded Alla fl'Antic Testament, saħta li tibka taħdem fuk seba' generazzjonijet. Chif ma jitchexchix u icollu ħila jieħu ġurament falż, bħallichiecu tazza ilma, min jaf b'dan collu?

*3 ta Novembru.* Il Gvern, ŭara it-tghemghim li sar bil cliem u fuk il ġurnali, ŭakkaf ir-regulamenti ġodda li chien għamel fuk il pensjonijet u chellhom jibdeŭ mil eŭŭel ta da' x-xahar, ħalli jarġa jarahom u ikishom aħjar.

—Il Captan tal Vapur *P.R.A. Petroleum*, ta rapport li fit-tnejn u għoxrin talli għadda mħabba iċ-ċpar cbir ħabat magħ bastiment Torc u għarrku, imma min-nies tiegħu ma ntilef ħadd.

*4 ta Novembru.* Mietet is-Sinjura Hardman, li bcheŭha ħafna nies, għal carità cbira li chienet tagħmel. L'Istituti collha chellhom għajnuna cbira minnha. Ma chienitx tagħmel għajb lir-ragel tagħha li baka' msemmi għal kalb ħanina li chellu. Alla tahom, u huma għarfu jinkdeŭ bil gid li Hu bagħtilhom.

*6 ta Novembru*. Fix-xahar ta Ottubru li għadda, Malta tŭieldu 553 ( 281 rgiel u 272 nisa) u mietu 425 ( 217 rgiel u 208 nisa ). Għaŭdex tŭieldu 92 u mietu 42.

Il Ħabbàr.

## Is sinjali ta Alla.

Dana li sejjer nicteb ġrali fid-deżert imsejjaħ *Nefud*. Conna erba' ti rgiel, jena u tliet għarab tad-deżert, cull ŭieħed minn'na riecheb fuk gemel, armat bit-tinda, biex ŭieħed jaħrab mis-sħana tax-xemx, li chienet tisreġ fukna minn fil għodu sal inzul taħħa. Cull fejn iddaŭŭar għajnejc ma tarax ruħ—u la bniedem, u l'ankas bhima ! U ma cullimchien, kuddiemec, ŭarajc u ma ġniebec, baħar ħamrani, baħar ta ramel jaħrak, li ma nzul ix-xemx chien jeħu culur roża bħal tas-sema, u b'dan il mod chien jigi mument li collox isir roża !

Ilcoll chemm aħna conna sictin, chif siecta chienet in-Natura. — Ilcoll issibna inħarsu lejn il għarb (Occident) naraŭ ix-xemx nieżla taħt figura ta ballun tan-nar, donnu lest biex ikabbad id-deżert !

« Oħ ! chemm inti cbir, Allaħ » kal bil mod ŭieħed mil għarab, li chien jismu Dalam.

Meta smajtu, m'hux tant biex nittantaħ daks chemm biex incompli nistudja daŭn il għarab, u nara sa fejn jaslu fl'idijet ta religion taħħom, għamilltu xi mistoksija: għandcom tcunu tafu kabel xejn li il Beduini meta tchellimhom fuk Alla, li jemmnu ħafna fiħ, jagħmlu minn collox biex ma jirrispondux.

Jena, immela, għamilt din il mistoksija.

« Mnejn taf, Dalam, li Alla jeżisti ? Inti katt rajtu ? »

Dalam raġa kal «chemm inti cbir, Allaħ! » u lili ma irrispondieni xejn. Allura jena irġajt tennejt «Dalam, inti l'Alla katt rajtu ?»

Dalam baka siechet.

F'dan il ħin daŭŭar għan-naħa tiegħi il gemel u resak ħdejja ix-xiħ Mikvel u kalli:

« Xiħ Muża, Alla itic għomor tŭil.—Nista nitlob favur ? »

« Għala le ? u x'in hu dan il favur?

« Icun aħjar ħafna jecc mistoksijet bħal daŭna tiegħec ma tgħamilhomx iżjed lilna.

Cullħadd baka siechet.

Ħin bla ŭakt Mikvel ŭakkaf il ġemel tiegħu.

« X'ġara ? » staksejt jen.

Mikvel, bil bastun tŭil tiegħu urieni xi ħaġa fuk dac ir-ramel lixx tad-deżert.

« X'inti tara hemm fejn kiegħed nuric, ja xiħ ? »

Jena ħarist actar fiss, u ilmaħt ix-xbiħa tas-sakajn ta ngħama.

« Daŭc huma ix-xbiħa tas-sakajn ta ħafna ngħami.

« Inti rajt xi ngħam haŭn fid-deżert ta Nefud ? »

« Le, għad ma rajtx. »

« Mela, chif tista tgħid li haŭn jinsabu ingħam ?

« Daŭc is-sinjali huma biż-żejjed għalija. »

« Oħ, Allaħ, chemm inti Cbir » compla Mikvel, « mela b'daŭn is-sinjali inti temmen li haŭn jinsabu in-ngħam ! U Alla ma ħallix sinjali ucoll ? U daŭn is-sinjali ma tarahomx kuddiemec, u urajc? Ma tħosshomx f'kalbec? Aħna il Bedŭini naraŭ fid-deżert, u cullimchien is-sinjali t'Alla, u aħna nafu li Hu dejjem magħna — min ma jilmaħx daŭc is-sinjali dac *icun għama*, u nies bħal daŭna tista ma turihom xejn, *għax ma iridux jaraŭ*.

Dana il fatt ġara lill Professur tat-Teologija fl' Università ta Vienna, Dun Aloisio Musil, li spiss idur id-deżerti tal Arabija, ra ħafna pericoli u tgħallem ħafna minn din l'art tal Bibbja.

Meħud mil gażetta *Espro Katolika*.

D. G. B.

## Talbuna ngibu u sejjrin ingibu bil kalb collha:--

LILL MARIJA VERĠNI TAL ĦERBA ONUR U GLORJA.

Ŭara li il Cardinal Rampolla del Tindaro Arcipriet tal Basilica ta San Pietru u il Capitlu Vatican iddichjaraŭ fid-Decriet tat-tliettax ta Frar tal 1910 illi cbar huma il miracli u tal għageb huma l' għatijet tal Omm-Verġni tal Ħerba, u li hi ħaġa tkila li ŭieħed igħodd ix-xita ta grazzi, li bihom Alla l'Imbierec għoġbu ixerred per mezz taħħa;

Ŭara li għalhecc iddecretaŭ li ix-Xbiħa Mkaddsa tal Madonna tal Ħerba chellha tigi incurunata b'Curuna tad-deheb, u għal din iċ-ċerimonja ħalleŭ fil ħsieb tal Arciskof Iskof tagħna Pietru Pace DD.K.C.V.O.;

Ŭara li il maħbub Iskof tagħna chellu ix-xorti li jincuruna il Madonna u il Bambin tal Ħerba fis-sebgħa ta Aŭŭissu ta li stess sena 1910, u hecc xegħel b'maniera tal għageb id-devozzjoni ta collha chemm hi Malta lejn Sidtna Marija tal Ħerba;

Issa l'Imkaddsa Congregazioni tar-Riti b'Decriet tat-tlieta ta Settembru tas-sena li aħna fiha 1913 għoġobha ticconciedi li f'cull Pellegrinaġġ għas-Santŭarju tal Ħerba ŭieħed mis-Sacerdoti li jeħdu sehem f'din l'opra hecc sabiħa jista ikaddes il Kuddiesa Votiva ta Marija Verġni, fil Ħdud li ma icunux ta prima jeŭ seconda Classi, u fil Festi li ma icunux ta prima u seconda Classi.

Jena irrid nitma li ŭara concessjoni sabiħa bħal din, il Maltin collha jitkanklu biex b'ħerka actar cbira jissoctaŭ jagħmlu daŭc il Pellegrinaġġi li per mezz taħħom tingħata glorja lł'Alla l'Imbierec u lil Sidtna Marija Verġni.

Fil ŭakt li niddichiara li hu obbligu tiegħi li nati lill Maltin collha din il bxara, li biha jifirħu fuk li jifirħu, nistieden u nitlob il Cappillani u il tant Sacerdoti zelanti biex icomplu dejjem iżjed jirsistu biex spiss isiru ,Pellegrinaġġi għas-Santŭarju tal Ħerba għal dac il-Loc Imkaddes, li fiħ Alla l'Imbierec għoġbu jigglorifica il Marija Santissima b'maniera hecc tal għageb.

Fil ŭakt li minn kabel nirringrazzja minn kieħ kalbi lil daŭn is-Sacerdoti collha tal glorja li jatu lil Sidtna Marija Verġni bil Pellegrinaġġi għal dan is-Santŭarju taħħa niddichjara ruħi

Serv ta cullħadd,

Costantino Grech, Procuratur tas-Santŭarju tal Ħerba, Birchircara.

## TŬEGIBA.

Il mistoksija ta' *Alliev* ma tmissx dac li jigi mil-grammatica fejn jista', chiecu, icun hemm xi fejda ta' tagħlim, tmiss biss dac li daħħlet fil malti s-«*Società Filologica Maltese*» u li sab lakgħa tajba mil chittieba u mexa.

Tasseŭ li l-grammatica, ħaġa li ma hix fit-taljan, tindaħal ucoll fit-tŭakkif ta' l-alfabet: imma għal daŭc li huma ittri ma jimpurtahiex ta' liema sura jcunu. Billi hi tkassam il cliem fuk l-ilħna consonanti li jcollha l-chelma trid chiecu li fl-alfabet ma jcunx hemm żeŭġ ittri għal leħen ŭieħed bħalma huma *ch, gh*, li irrigalana t-taljan, u *ie* li għakkadna aħna, u li bihom soltu nictbu, ngħidu aħna, *siechet, għiref, biex, siefer, ljieli, djiek tjieb*.

Għal dac li hu ittra b'linja fukha tasseŭ li actar għandha minn ittra mħassra, milli minn ittra b'leħinha mkaŭŭi, imma *Alliev* għandu jcun jaf li mita il *ħ* tcun għerja il-Malti ma jifhimx biha ittra li ma tistamax. Prova ta' dan huma in-nies ta' l-ibliet li mita il *ħ* taħbat bejn żeŭġ vocali jkaŭŭulha leħinha hecc li jsemmgħuha kisha *għ*. Araha fil chelmiet : *taha, raŭha, tahom, raŭhom biha, bihom*, li f'fomm daŭc in-nies jistemgħu bħallichiecu chienu mictubin *tagħa, raŭgħa, tagħom, raŭgħom, bigħa, bigħom*.

Tarġa': Il *ħ* fl-aħħar tal chelma bħal fil-chelmiet *raħ, taŭħ, biħ, fiħ*, li jiġu bħallichiecu maschil ta' *raha, taŭha, biha, fiha*; u fil-chelmiet *icraħ, iblaħ*, li huma maschil ta' *cherha, belha*, tkaŭŭi leħinha, sa jcun donnu dac ta' *ħ*.

Jecc mela il *ħ* mkiegħda ŭara consonanti bħal fil-chelmiet *binha, chellha, għandha, binhom, chellhom, għandhom, tilifha, tilifhom*, *Alliev* f'fomm in-nies ta' l-ibliet u ta' min dara magħhom, ma jismagħhiex, għandu jilhem li ma għandux jimxi fuk fomm in-nies ta' l-ibliet. Il campanjol li katt ma resak lejn l-ibliet il *h* isemmagħha b'leħen dgħajjef seŭŭa bejn żeŭġ vocali chemm ucoll bejn consonanti u vocali; *binha, binhom, raha, rahom*, isemmagħhom chif jinchitbu u mux *bina, binom, raa, raom*, jeŭ *ragħa, ragħom*, chif ma għandhomx jinchitbu.

Għalhecc jeċe linja fuk ittra imissha tfisser ittra li ma tinkarax, dan ma jistax jiġri mita hi miġbuda fuk il consonanti *h*, għax din dejjem tinkara. G.V.

## Fit-Teatrin tal Unjoni Cattolica.

Fl'eŭŭel ta Novembru raġa fetaħ it-Teatrin tal Unjoni Cattolica, fejn il cumpanija tant magħrufa «La Concordia» tat id-Dramm «Lucia Lammermor» migjub bil malti mis-Sur C. Perini.

Il Personaġġi principali chienu *Enrico*, is-Sur A. Argento; *Lucia*, is-Sur O. Cumbo ; *Edgardo*, is-Sur L. Scicluna; u collha ħadmu tajjeb il parti taħħom ta Atturi xjuħ li huma. Għamlu ucoll tajjeb il parti taħħom *Arturo*, is-Sur E. Camilleri; *Alice*, is-Sur A. Borġ; *Raimondo*, is-Sur C. Cremona; *Normannu*, is-Sur S. Cachia; u *Alfred*, is-Sur E. Cremona.

L'actar att li mar seŭŭa, però, chien ittieni; għaliex chienu jafuħ iżjed u għalhecc cullħadd applaŭda ħafna u sejjaħ l'atturi fuk il palc mita spiċċa.

Nisperaŭ li naraŭ ħŭejjeġ aħjar u Drammi isbaħ. Verax.

Mil Lucerna tal Ħajja.—81. In-nukkas tiegħec moħbi, jigi igħarrafulec jeŭ xi għadu b'vendetta jeŭ xi ħabib b'imħabba.

†

Nhar it-tlieta li għaddeŭ fil 10 u qŭart ta fil għaxija, fil ŭakt li ferħana chienet lesta biex tilka gejjin mis-safar mal fregata *Invincible*, tnejn minn uliedha, ħin bla ŭakt, Concetta Meilak, mil Calcara, sabetruħha milkuta mil meŭt, li, għal-chemm ħaditha qŭasi sobtu, chellha il cbira xorti li tigi imfarrġa bis-Sagramenti: oh, chemm hu verament ta min iffittex l'Alla f'ħajtu, għax Hu ma ippermettiex ankas f'meŭtha sobtu li tmut mingħajr il Conforti tar-Religjon ! Chellha 63 sena, mgħoddija fil cura tal familja u fil ħŭejjeġ tas-Sema. Alla jati is-sabar lill maħbub żeŭġha Salvu Meilak tal cbira cura li dejjem għaraf juża maħħa chif ucoll lill maħbuba uliedha.

Habib tal familja.

Iftacru fit-talb tagħcom fir-ruħ ta Marija Micallef li ŭara ħajja ta 77 sena mgħoddija fil ħsieb tal familja u tar-ruħ, ħalliet dan il ŭied tad-dmuħ fil 31 ta Ottubru 1913. Ħalliet il żeŭġha u l'uliedha jibcu it-telfa taħħa.

Kalb ħanina ta Gesù, atiha il mistrieħ ta dejjem. L. M.

Il *Mogħdija taż-żmien* għal darb'oħra.